

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' April 2015 – ZZ vs Frontex****(Kawża F-68/15)**

(2015/C 245/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiż***Partijiet***Rikorrent: ZZ (rappreżentant: S. Pappas, avukat)**Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)***Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annnullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent li jirrigwarda s-sena 2009 u talba għad-danni għad-dannu morali allegatament sostnuta.

**Talbiet**

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tal-4 ta' Lulju 2014 innotifikat lir-rikorrent fit-12 ta' Lulju 2014, sa fejn dan jemenda r-rapport inizjali;
  - jikkundanna lill-Frontex tħallas lir-rikorrent EUR 4 000 bħala danni;
  - jikkundanna lill-Frontex għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-70/15)**

(2015/C 245/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiż***Partijiet***Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)**Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea***Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annnullament tad-deċiżjoni finali dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni (DGE) il-ġodda tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011.

**Talbiet**

- tiddikjara l-illegalità tal-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

- 
- tannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Luju 2014 li tikkonferma t-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tar-rikorrenti b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġeneral ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2015 – ZZ vs EDC**

(Kawża F-71/15)

(2015/C 245/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell li tistabbilixxi b'mod definitiv ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2013

**Talbiet**

- jannulla d-deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell li tistabbilixxi b'mod definitiv ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2013;
  - jikkundanna lil EDC għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2015 – ZZ vs Il-Parlament**

(Kawża F-73/15)

(2015/C 245/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni li ma tingħatax allowance ta' kuljum lir-rikorrent wara t-trasferiment tiegħu mill-Kummissjoni, fejn kien mibgħut mad-delegazzjoni tal-UE fil-Yemen, għall-Parlament Ewropew, fi Brussell.